ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 42 IT-TNEJN, 9 TA' APRIL 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 9 ta' April 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku (attenda fis-7.15pm)
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ralph Puli – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żagħżagħ

**MINUTI**

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ippresjeda l-laqgħa peress li **s-Sindku Jesmond Aquilina** .

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**42/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**42/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** spjega li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**42/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 41**

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 41 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' April 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsillier (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 41 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku (aktar tard) u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**42/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**42/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**42/04/01** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li beda t-tħawwil tas-siġar fil-widien, liema tħawwil qed isir mill-P.A.R.K.S ikkummissjonati mill-Uffiċċju tal-President, fejn il-Kunsill se jkun qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni. Fil-fatt il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għas-servizz ta' tisqija ta' dawn is-siġar.

**42/04/02** **Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq korrispondenza

mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar applikazzjoni PA1382/18. Il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona għal din l-applikazzjoni peress li fi prinċipju l-Kunsill huwa kontra kull żvilupp f'ODZ. **DOK "A1"**

**42/04/03** **Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti aġġornament fuq il-programm ta' Jum Ħal Qormi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li peress li se jkun hemm il-praċett il-Ħadd ta' wara Jum Ħal Qormi, ir-restawr tat-Tribuna ta' Pinto ġiet mmexxija għal 24 ta' Mejju fis-7.30pm. Ġie deċiż li dakinhar jingħata rikonoxximent lil Klabbs fil-preżenza tal-plejers, uffiċjali u staff tekniku ta' Qormi FC li rebħu l-kampjonat tal-1 diviżjoni, kif ukoll lil Qormi Hockey li rebħu l-kampjonat u lil GhKNKQ li rebħu wkoll unuri nazzjonali. **DOK 'A3'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina attenda f'dan l-istadju tal-laqgha fis-7.15pm.**

**42/04/04** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq disinn mill-perit tal-Kunsill dwar proposti ta' Traffic Management ġdid fi Triq Ġużeppi Ciappara/Triq il-Mejjilla. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir konsultazzjoni mar-residenti u tintbagħat ittra bid-diversi għażliet kif proposti mill-perit tal-Kunsill. **DOK "A2"**

**42/04/05** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq talba f'isem is-Segretarju Eżekuttiv li l-Kunsill biex tinħareġ is-sejħa ta' skrivan ġdid li jinsab vakanti (back to back). Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li peress li qed ikun hemm ħafna permessi u n-nies saru aktar esiġenti dwar l-ilmenti (*customer care*) u biex il-Kunsill ikun jista' jagħti servizz effiċjenti jeħtieġ li dan il-post vakanti jimtela wkoll. Il-Kunsill qabel unanimament li wara li jiġi mimli l-post vakanti l-ieħor u li jinsab fil-proċess tal-għażla, il-Kunsill jista' jibda' l-proċess għall-impjieg msemmi hawn fuq.

**42/04/06** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq korrispondenza mingħand *Munch and Crunch Kiosk*. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta peress li meta ħarġet l-offerta l-offerenti kienu jafu li kull miljorament li ried isir kellu jsir minnhom u jekk il-Kunsill jaċċetta l-proposta jkun qed joħloq "unfair competition" mal-offerenti l-oħrajn. **DOK 'A5'**

**42/04/07** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li fil-laqgħa li kien hemm bejn Transport Malta u l-Kunsill, li

għaliha attendew is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Renald Falzon u Daniel Bugeja, Transport Malta qalu li ma hemmx pjanijiet biex jitneħħa l-parkeġġ ta' Triq Ħal Luqa u li huma jinsabu kontra li jsir dan.

42/04/08 **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Martina Brancaleone se tiġi organizzata Health Fest. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li tiġi organizzata fis-7 ta' Ottubru.**DOK 'A6'**

## 42/05 RAPPORTI

### 42/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AWDITUR U R-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA FINANZJARJU 2018 AWDITJAT

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** spjega li peress li l-Awditur kien għadu ma lestiex dan ir-rapport, dan se jkun qed jitressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 42/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

### 42/06/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: XOGĦOL TA' TOROQ RURALI (MIZURA 4.3)

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq id-dokument tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Bord għadu għaddej bl-evalwazzjoni u aktarx li r-rapport jitressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

### 41/06/04 RAPPORT MILL-KUNSILLIERA

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** talab sabiex il-Book Box li hemm fi Ġnien l-Armier titmexxa għal Ġnien de La Cruz fejn il-gabbana peress li hemmhekk tista' tintuża aħjar. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ssuġġerixxa li l-ewwel l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-Iskola Primarja San Sebastjan jekk jaċċettawx li din titpoġġa fl-iskola stess. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ressaq ilment dwar mera mkissra fi Triq l-Arkata. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm ilmenti mingħand Kunsilliera oħrajn u diġa ġiet ordnata. Huwa ressaq ukoll ilment dwar nuqqas ta' ndafa fi Triq Mikiel Anton Vassalli. **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** xtaq jirringrazzja pubblikament lill-impjegati kollha speċjalment lil Maria Lewis tas-servizz impekkabbli.

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** fakkar fl-attivita' nazzjonali tal-*Clean Malta* fl-okkazjoni ta' *Earth Day* li se ssir fil-22 ta' April fil-picnic area. Huwa ssuġġerixxa li tinbagħat ittra lill-għaqdiet kollha biex jiġu jgħinu f'din il-kampanja. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jipparteċipaw ukoll.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab biex nitolbu lil Contracts Manager sabiex jissottometti rapport kull xahar bħala superviżjoni tat-tindif li jkun qed isir. Huwa ressaq talba biex isir patching ta' kanal li hemm fil-Pjazza tal-Gran Mastru.

**42/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2018, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'D1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Marzu 2018
**b)** *Bank Payments* Marzu 2018
**c)** *Petty Cash* Marzu 2018

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Martina Brancaleone** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 42/08 MOZZJONIJIET

**Ma kienx hemm mozzjonijiet għad-diskussjoni.**

## 42/09 AĠĠORNAMENT

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Erbgħa 25 ta' April 2018 fis-7.00 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:35 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 25 ta’ April 2018.**